**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 13 ta' Frar, 2019

Rikors Nru : 411/17AL

A B

Vs

C B

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li gie kkonfermat bil-gurament mir-rikorrent, li permezz tieghu ppremeta :

1. ILLI l-partijiet ikkontrattaw iz-zwieg fis-sittax (16) ta' Gunju tas-sena elf disgha mija u tnejn u disghin (1992) fir-Registru f'Malta u dan kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg anness u mmarkat bhala **DOK: A.**

2. Illi minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal u cioe E B illi twieldet fit-tletin (30) ta' Dicembru tas-sena elf disa` mija u tnejn u disghin (1992) u F B illi twieldet fil-hmistax (15) ta' Lulju tas-sena elf disa` mija erbgha u disghin (1994) ilkoll maggorenni.

3. Illi l-partijiet ilhom aktar minn erba` (4) snin illi sseparaw minn ma xulxin u cioe mis-sena 2002;

4. Illi l-partijiet huma domiciljati f'Malta u hadd minnhom ma huwa rikjest sabiex jghaddi manteniment;

5. Illi ma hemm ebda possibbilta ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet stante illi minbarra li ilhom aktar minn erba` (4) snin mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin.

Talab ghar-ragunijiet fuq premessi l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tiddikjara u tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet u tordna illi wara li jghaddi z-zmien utili skont il-ligi, kopja tad-digriet relattivi tigi kkomunikata lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jigi debitament registrat skont il-ligi.

Bl-ispejjez kontra l-intimata ingunta ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-intimata, li permezz taghha eccepiet :

1. Illi l-partijiet f'din il-kawza qatt ma sseparaw u ghalhekk l-esponenti tinsisti li l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejniethom ghandhu jigi xolt;

2. Illi l-attur talab biss ghal pronunzja ta' divorzju u injora ghal kollox il-fatt illi ghad hemm vigenti l-komunjoni tak-akkwisti kif ukoll hemm il-kwistjoni tal-arretrati ta' pagamenti ta' manteniment ghaz-zewg itfal tal-partijiet ;

3. Illi ghalhekk, qabel ma din l-Onorabbli Qorti tordna d-divorzju kif mitlub mill-attur, ghandha tigi xjolta il-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u jigi dikjarat il-manteniment dovut;

4. Illi wkoll, f'dawn ic-cirkostanzi u ai termini tal-artikolu 66I(1) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, il-partijiet ghandhom jirrikorru ghal medjazzjoni qabel ma ssir pronunzja ta' divorzju;

5. Illi ai termini tal-Artikolu 66D (3), il-konvenuta *"tista' tressaq b'żieda għall-eċċezzjonijiet imsemmija fl-aħħar subartikolu, l-eċċezzjonijiet kollha illi dik il-parti setgħet tressaq f'kawża ta' separazzjoni."*

Ghaldaqstant in vista tas-suespost l-esponenti ghandha s-segwenti eccezzjonijiet xi tressaq ghat-talba attrici:

1. Qabel xejn ghandha tigi xjolta u likwidata l-komunjoni tal-akkwisti bl-istess mod li jigu stabbiliti porzjonijiet in divizjoni u assenjati lill-partijiet okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi, u billi jigi nominat nutar sabiex jircievi l-att relattiv u kuratur sabiex jirrapprezenta lill-attur A B fl-eventwali kontumacja fuq l-istess att;
2. Illi fit-tieni lok l-esponenti ma ghandha l-ebda oggezzjoni ghat-talba ta' l-attur purche ikun gie xjolt u diviz il-komunjoni tal-akkwisti u stabbilit u mhallas il-manteniment dovut;
3. Illi l-intimata ma ghandha ebda oggezzjoni li l-eventwali sentenza moghtija minn dina l-Onorabbli Qorti tigi registrata fir-Registru Pubbliku;
4. Salv eccezzjonijiet ohra fid-dritt u fil-fatt jekk ikun il-kaz.

Bl-ispejjez kontra l-attur li huwa minn issa ngunt in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tar-rikorrenti;

Rat il-kontro-talba tal-intimata, li permezz taghha tiddikjara u tikkonferma :

1. Illi hija zzewget lil A B nhar is-16 ta' Gunju 1992. ;
2. Illi minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal jisimhom E li twieldet fit-tletin (30) ta' Dicembru tas-sena elf disa' mija u tnejn u disghin (1992) u ghandha tlieta u ghoxrin (23) sena illum u F li

twielet fil-hmistax (15) ta' Lulju tas-sena elf disa mija erbgha u disghin (1994);

3. Illi l-hajja matrimonjali ta' bejniethom m'ghadhiex aktar possibbli minhabba li z-zwieg taghhom tkisser irrimedjabbilment;
4. Illi inoltre l-hajja matrimonjali bejn il-partijiet saret impossibbli minhabba inkompatibilita' serja ta' karattru;
5. Illi l-esponenti qieghda tipprocedi b'dawn it-talbiet rikonvenzjonali fejn qed titlob illi tigi ippronunzjata s-separazzjoni personali bejnha u bejn zewgha A B u tigi terminata, likwidata u xjolta l-komunjoni tal-akkwisti bejniethom, kif ukoll il-konsegwenzi l-ohra ta' separazzjoni personali bejn il-mizzewgin;
6. Illi inoltre l-esponenti tixtieq illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna l-pagament ta' arretrati ta' manteniment tat-tfal taghhom.

Talbet li l-attur rikonvenzjonat prevja kwalsijasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ghar-ragunijiet premessi jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tiddikjara u tordna s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti;
2. Tiddikjara lill-attur rikonvenzjonat A B responsabbli ghall-hlas tal-arretrati ta' manteniment dovuti ghat-tfal ;
3. Tiddikjara terminata u xjolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontenDi;
4. Tillikwida l-imsemmija komunjoni tal-akkwisti, okkorrendo bl-opra ta' periti nominandi;
5. Tassenja lil kull wahda mill-kontendenti dawk l-assi rizultanti minn tali likwidazzjoni li jmissu lil kull parti rispettivament;
6. Tawtorizza lill-esponenti tirriverti lura ghal kunjom xbubitha, u cioe' D;
7. Tawtorizza lir-rikorrenti esponenti li tirregistra ossija tnizzel fir-Registru Pubbliku s-sentenza eventwalment moghtija minn din l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez kontra l-attur rikonvenzjonat li jinsab minn issa ngunt in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-intimata;

Rat ir-risposta guramentata tal-attur rikonvenzjonat ghall-kontro-talba tal-intimata :

1) L-attur jiddikjara illi l-partijiet ilom isseparati de facto ghal madwar tlettax –il sena (13) u li ser jintavola applikazzjoni ghal medjazzjoni sabiex tigi pronunzjata s-separazzjoni taghhom skond kif titlob il-Ligi.
2) Illi hemm qbil illi m'hemmx tama ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet .
3) Illi l-attur jiddikjara illi huwa dejjem ghadda l-ammont ta' tmien mitt ewro (€800) bhala manteniment versu l-ulied illi llum il-gurnata huma maggorenni kif maqbul bejn il-partijiet, kif ukoll dejjem hallas l-ammont ta' tlett mija u hamsin ewro (€350) bhala kera tal-fond fejn tirrisjedi l-konvenuta kif ukoll l-ispejjez tas-servizzi tad-dawl, ilma, televizjoni u internet, kif ukoll spejjez medici flimkien mal-bonuses.
4) Illi l-attur jiddikjara illi in vista tal-premess, t-talbiet tal-konvenuta rigwardanti l-arretrati huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi versu l-ulied kif ukoll versu l-konvenuta ma jezistu l-ebda arretrati u l-manteniment illum il-gurnata ma huwiex aktar dovut stante illi l-ulied huma maggorenni u l-konvenuta ghandha mpjieg.
5) Illi l-attur jiddikjara illi sehem il-konvenuta mill-komunjoni tal-akwisti diga haditlu hlief sehemha mill Lido illi jinsab gewwa l-Armier u li dan qieghed fuq konvenju illi sar nhar it-tnejn u ghoxrin (22) t'Ottubru tas-sena 2016 u li kif taf il-konvenuta reggha gie mgedded.

**Ghaldaqstant u in vista tal-premess l-attur jiddikjara quddiem din l-Onorabbli Qorti illi:**

1) m'hemmx oggezzjoni illi ghandha tigi ddikjarata s-separazzjoni bejn il-partijiet skond kif titlob il-Ligi;
2) m'hemmx oggezzjoni illi l-konvenuta tirritjeni kunjom xbubitha bhala 'D';

3) m’hemmx oggezzjoni illi ghandha tigi llikwidata l-komunjoni tal-akwisti izda ma hemmx bzonn ta’ espert stante illi diga sar qbil dwar il-valur fuq l-ahhar fond appartenenti l-komunjoni tant illi qieghed fuq konvenju u jekk il-konvenuta ser tinsisti fuq l-inkarigu ta’ espert dan ghandhu jkun a spejjez esklussivament taghha;
4) m’hemmx qbil illi jezistu oggetti ohra barra l-Lido illi ghandhom jigu llikwidati versu l-partijiet stante illi dawn diga nqassmu;
5) hemm qbil illi ghandha tigi rregistrata s-sentenza moghtija minn din l-Onorabbli Qorti gewwa r-registru pubbliku.

Tant l-attur jissotometti ghas-savju gudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta.

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-25 ta’ Ottubru 2017;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi fil-mori ta’ dan il-procediment il-partijiet ghaddew minn proceduri ta’ medjazzjoni u gie abbozzat ftehim u sussegwentement il-partijiet ghaddew ghall- ippubblikar tal-kuntratt ta’ separazzjoni personali bejniethom datat 12 ta’ Lulju, 2018;

Il-Qorti rat ukoll in-nota tal-intimata li permezz taghha cediet it-talbiet maghmula minnha fil-kontro-talba taghha u li permezz taghha talbet ukoll sabiex tirriverti ghal kunjom xbubitha, u cioe` “D”’;

Il-Qorti rat li l-intimata ddikjarat waqt is-seduta tal-24 ta’ Jannar, 2019, illi m’ghandha ebda oggezzjoni li jintlaqghu t-talbiet kollha kontenuti fir-rikors promotur;

Ghaldaqstant, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kontro-talba tal-intimata.

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat ghalhekk illi r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet issa huma legalment separati  u gie ppruvat ukoll li ilhom ghal aktar minn erba' snin *de facto* separati minn ma' xulxin u cioe` mis-sena 2002;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna wkoll lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jiehu l-provvedimenti kollha fis-sens illi l-intimata m'ghandhiex tibqa` maghrufa bil-kunjom "B" izda b'kunjom xbubitha u cioe` "D";

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.